MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-10 ta' April, 2013

Numru. 943/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Joseph Axiak**

Kaz Numru: 943/2012

Illum 10 ta’ April, 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Joseph Axiak**, bin Saviour u Josephine neé Mizzi, imwieled fit-30 ta’ Lulju 1953, residenti fil-fond Sun Valley, Flat 1, Triq l-Ghar ta’ Ninu, Xaghra, Ghawdex, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 48753(G), li gie akkuzat talli nhar is-27

ta' Ottubru 2012 ghall-habta ta' 10:45hrs fl-inhawi ta' Wied il-Ghasri limiti tal-Ghasri, Ghawdex:

1. ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (A.L. 79 tal-2006) mhux skont dawn ir-regolamenti u mhux skont il-kondizzjonijiet ta' kull licenzja moghtija tahthom bi ksur ta' Regolament (4(1)(a) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

2. zamm xi ghasfur, kemm haj jew mejjet, jew parti minn ghasfur, li l-kacca jew it-tehid tieghu huma projbiti taht ir-Regolament dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (A.L. 79/2006) kontra d-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti meta dak l-ghasfur ma kienx iddikjarat u registrat mal-awtorita' kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u meta ma kienx inghata il-permessi, jew ic-certifikati mill-awtorita' kompetenti sabiex izomm dak l-ghasfur u dan bi ksur tar-Regolament 4(1)(e) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

3. zamm xi ghasfur, kem haj jew mejjet, jew parti minn ghasfur mhux imsemmi fl-Iskeda III, meta dak l-ghasfur ma kienx ittiehed fi Stat Membru iehor fejn ikun jista' jittiehed jew jinqabad legalment taht id-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi kif ukoll taht il-ligijiet ta' dak l-Istat Membru l-iehor u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(f) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

4. ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza xbieki bi ksur ta' Regolament 7(1)(e) tal-A.L. 79/2006 hekk kif emendat;

5. ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza lixki ta' ghasafar protetti bi ksur ta' Regolament 7(1)(i) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

6. ha jew ipprova jiehu jiehu xi ghasfur billi uza apparat elettriku jew elettroniku specjalment l-uzu ta' tisfir irrekordjat minn qabel ta' ghasafar u bi ksur tar-Regolament 7 (1)(d) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

7. zamm apparat li l-uzu tieghu huwa pprojbit taht is-subregolament (1) tar-Regolament 7 tal-A.L. 79 tal-2006, u cioé xbieki, lixki ta' ghasafar protetti u apparat elettriku jew elettroniku specjalment tisfir irrekordjat minn qabel ta' ghasafar bi ksur ta' Regolament 7 (2) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

8. ha jew ipprova jiehu xi ghasfur meta ma kellux fuqu licenzja adatta ghal dik l-attivita' mahruga lilu taht ir-Regolament dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (A.L. 79 tal-2006) bi ksur ta' Regolament 12(1); 13 u 16 tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

9. ha jew ipprova jiehu b'xi mezz xi ghasfur meta ma kienx jissodisfa l-kondizzjonijiet kollha specifikati fil-licenzja u f'kull ligi ohra u cioé ghamel uzu ta' xibka b'malji izghar minn 30 X 30 millimetru, u dan bi ksur tar-Regolament 12 (1) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-Regolament 27 tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahrug taht ir-Regolament tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghal perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi.

Semghet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi akkwiziti jirrizuta li, fis-27 ta' Ottubru 2012, PC 691 J. Mula DeBono u PC 798 Anthony Camilleri kienu *patrol* flimkien rigward kacca u nsib illegali fl-inhawi ta' Wied il-Ghasri, limiti tal-Ghasri, Ghawdex. Tul dan il-*patrol* irrizultalhom li l-imputat kien qed jikser diversi

dispozizzjonijiet tal-ligi rigward kacca u nsib u b'hekk l-imputat gie akkuzat bl-imputazzjonijiet odjerni.

Illi d-difiza tikkontendi li l-imputat ghandu jigi liberat mill-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu *stante* li meta xehed Gilbert Haber, rapprezentant tal-MEPA, dan ghamel riferenza ghas-27 ta' Novembru 2012 (u mhux ghas-27 ta' Ottubru 2012). Ta' min jinnota li l-imputazzjonijiet jaghmlu riferenza ghas-27 ta' Ottubru 2012 u li, fl-affidavits taghhom, iz-zewg Pulizija, cioé PC 691 u PC 798, jaghmlu riferenza ghall-istess data. Dak kontenut fiz-zewg *affidavits* tal-Pulizija huwa koerenti mal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat. M'hemmx dubju li d-data li saret riferenza ghaliha minn Gilbert Haber kienet semplici *lapsus calami* u dana *stante* illi d-dettalji li xehed dwarhom l-imsemmi Haber jikkombacu mad-dettalji li jirrizultaw mill-bqija tal-atti tal-kawza odjerna, ghajr ghax-xahar! Wiehed ma jridx jinsa anqas li meta l-ghasafar gew ezaminati minn Haber kien hemm ukoll prezenti l-imputat, liema Haber, kif diga nghad, xehed fuq l-istess linji tal-bqija tal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, ghajr ghax-xahar. Dan japplika wkoll ghad-data ndikata fid-dokumenti li gew ezebiti minn Haber meta xehed, cioé dokumenti li gew mmarkati bhala Dok. "GH 1", fejn giet indikata d-data tas-27 t'Ottubru 2013! Kien ikun ferm ahjar kieku, biex jigu evitati kumplikazzjonijiet bla bzonn, li s-sena tkun dik korretta, pero m'hemmx dubju li anke dan huwa *lapsus calami*! Ghaldaqstant, ma jistghax jigi argumentat li kien hemm kunflitt fil-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni li ghandu jwassal ghal liberazzjoni tal-imputat mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, jirrizulta li l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Regolamenti 4(1)(a), 4(1)(e), 4(1)(f), 7(1)(e), 7(1)(i), 7(1)(d), 7(2), 12(1), 13 u 16 tal-Legislazzjoni Sussidarja 504.71 tal-

Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa komplessiva ta' elf ewro (€ 1000.00).

Il-Qorti tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti elevati u li jinsabu elenkati f'ricevuta mmarkata bhala Dok. "B".

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------